MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 737/2003

***White Wave Limited***

***Versus***

**Awtorità Marittima ta' Malta**

Din hija azzjoni ta' spoll.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi hija sidt il-*motor yacht* bl-isem *White Wave*, reġistrata f'Malta bin-numru 4005, u tirmiġġa dan il-*motor yacht* fil-port ta' l-Imġarr, Għawdex, fuq il-*pontoons* ta' l-awtorità konvenuta. L-attriċi torbot ma' l-irmiġġ immarkat "I4" u għal dan il-għan għandha l-pussess u/jew id-detenzjoni tal-*pontoon* u l-irmiġġ billi ngħatat ċavetta mill-awtorità konvenuta.

Fit-30 ta' Mejju 2003 is-soċjetà attriċi kienet imfixkla fit-tgawdija tal-*pontoon* u l-irmiġġ meta impjegati tal-konvenuta u nies imqabbda minnha ma ħallewhiex tinqeda b'dawk il-*pontoon* u irmiġġ. L-attriċi ma qagħditx għal dan l-għemil u reġgħet fittxet illi tinqeda bil-*pontoon* u bl-irmiġġ, iżda għalxejn għax, għal darb'oħra, kienet imfixkla min-nies tal-konvenuta.

Billi qiegħda tgħid illi dan l-għemil ta' l-awtorità konvenuta huwa spoll kontra tagħha, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:
1. tgħid illi l-konvenuta hija ħatja ta' spoll kontra l-attriċi billi fixklitha fit-tgawdija ta' beni illi l-attriċi għandha l-pussess u/jew id-detenzjoni tagħhom; u
2. tordna r-redintegrazzjoni ta' l-attriċi fil-pussess u/jew id-detenzjoni ta' l-istess beni.
Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.
L-awtorità konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:
1. ma hemmx l-elementi li trid il-liġi fl-art. 535 tal-Kodiċi Ċivili sabiex l-attriċi tkun tista' tmexxi bl-*actio spolii*;
2. l-attriċi ma għandhiex il-pussess u/jew id-detenzjoni tal-*pontoon* u ta' l-irmiġġ, li hu meħtieġ sabiex tkun tista' tmexxi b'din il-kawża;
3. l-għemil ta' l-impjegati tal-konvenuta u tan-nies imqabbda minnha ma kienx arbitrarju, u għalhekk ma hemmx vjolenza jew klandestinità; u
4. l-attriċi ilha taf li ma għandhiex jedd għall-pussess u/jew id-detenzjoni għal aktar minn sentejn, u għalhekk l-azzjoni ma saritx fiż-żmien ta' xahrejn mill-ispoll kif trid il-liġi.
Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:
Is-soċjetà attriċi kellha, sa Settembru ta' l-2001, post ta' irmiġġ kemm l-Imsida kif ukoll Għawdex. Kellha dak li jissejjaħ "*permanent berth*" li jfisser illi kellha post garantit, li kien jiġġedded minn sena għal sena. Min ma jkollux *permanent berth* ma jkollux post ta' irmiġġ garantit, iżda jingħata irmiġġ biss jekk jinzerta jkun hemm *berths* battâla.
Għalkemm, għall-prattiċità amministrattiva, min ikollu *permanent berth* kien ġeneralment jorbot fl-istess *berth*, dan ma kienx b'jedd, għax is-setgħa li jgħid fejn għandu jsir l-irmiġġ hija dejjem imħollija mil-liġi f'idejn id-Direttur Eżekuttiv responsabbli f'isem l-awtorità konvenuta għaċ-ċentri ta' *yachting*, skond ir-regolament 6(1) tar-Regolamenti dwar iċ-Ċentri ta' *Yachting*:
**6.** (1) Il-*yachts* għandhom jirmiġġaw jew jankraw jew jibdlu l-irmiġġ f'ċentru ta' *yachting* kif, fejn u meta ordnati mid-Direttur Eżekuttiv.
Ġara illi b'ittra tal-10 ta' Settembru 2001 l-awtorità konvenuta sejħet lis-sidien ta' *yachts*, fosthom l-attriċi, li

kellhom żewġ *permanent berths*, waħda fl-Imsida u l-oħra fl-Imġarr, Għawdex, biex jagħżlu liema waħda jridu jżommu billi ma setgħux aktar ikollhom tnejn, u wissiethom illi jekk ma jgħarrfuhiex bl-għażla sat-28 ta' Settembru 2001, jitqiesu illi żammew biss dik ta' l-Imsida u telqu dik ta' l-Imġarr.

L-attriċi, flok għamlet l-għażla, ipprotestat, kemm b'ittra legali ta' l-24 ta' Settembru 2001 kif ukoll bi protest ġudizzjarju, kontra d-deċiżjoni ta' l-awtorità u, billi dehrilha li kellha jedd għal żewġ *permanent berths*, bdiet tiddepożita fir-reġistru tal-qorti d-dritt relativ li jitħallas lill-awtorità. L-awtorità, min-naħa l-oħra, imxiet bħallikieku l-attriċi telqet il-*berth* ta' l-Imġarr.

Billi, bid-deċiżjoni tagħha, il-konvenuta ċaħħdet lill-attriċi mhux mill-possibbiltà li torbot ma' *berth* meta tkun battâla, iżda biss mill-garanzija li dejjem issib *berth*, l-attriċi xorta baqgħet tinqeda fl-Imġarr wara Settembru ta' l-2001, u, bħala prassi, baqgħet tinqeda bil-*berth* "I4".

Ġara illi fit-30 ta' Mejju 2003 il-*berth* "I4" kienet meħtieġa għal *yacht* ieħor, u għalhekk l-attriċi ma tħallietx torbot hemm iżda ntbagħtet f'*berth* ieħor, fejn inqdiet xorta. Billi iżda dehrilha illi, meta ma tħallietx torbot fil-*berth* tas-soltu, sar spoll kontra tagħha, fetħet din il-kawża.

L-azzjoni tallum hija l-azzjoni ta' spoll taħt l-art. 535 tal-Kodiċi Ċivili:

**535.** (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, imneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, ukoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.

L-art. 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

**791.** (1) Il-konvenut f'kawża ta' spoll magħmula fi żmien xahrejn minn dak in-nhar li jkun sar l-ispoll, ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja, qabel ma jkun raġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat ewlieni u raġa' qiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f'dak iż-żmien

illi, skond iċ-ċirkostanzi, jiġi mogħti lilu fis-sentenza, bla ħsara ta' jeddijiet oħra tiegħu.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll fil-każ ta' kerrej li jbati l-ispoll tad-detenzjoni tal-ħaġa lilu mikrija, sew minn sid il-kera kemm minn terza persuna.

(3) Il-qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt ta' l-ispoll.

L-elementi biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll għalhekk huma tlieta: li l-attur kellu t-tgawdija tal-ħaġa, kemm jekk din it-tgawdija tkun pussess *animo domini* jew biss detenzjoni; li kien imneżża' mit-tgawdija bi vjolenza jew bil-moħbi; u li l-azzjoni saret fi żmien xahrejn mill-ispoll.

Il-konvenuta qiegħda tgħid illi ma hemm ebda wieħed minn dawn it-tliet elementi.

Fit-tielet eċċezzjoni l-konvenuta qiegħda tgħid illi l-għemil tan-nies tagħha meta ma ħallewx lill-attriċi torbot mal-*berth* li kienet torbot magħha qabel ma kienx arbitrarju, u għalhekk jonqos l-element ta' vjolenza jew klandestinità.

Għall-għanijiet ta' l-azzjoni ta' spoll, ma hux meħtieġ illi l-għemil ta' min jagħmel l-ispoll ikun arbitrarju iżda li jkun jew bi vjolenza jew bil-moħbi, u jitqies li sar bi vjolenza dak li sar kontra r-rieda ta' l-attur. Fil-każ tallum kien kontra r-rieda ta' l-attriċi li din ma tħallietx torbot fejn kienet torbot is-soltu, u għalhekk l-element ta' vjolenza li trid il-liġi qiegħed hemm.

Fir-raba' eċċezzjoni l-konvenuta qiegħda tgħid illi l-azzjoni ma saritx *infra bimestre*, għax l-ispoll kien ġà seħħ f'Settembru ta' l-2001, meta l-attriċi kienet mgħarrfa illi kellha tagħżel bejn il-*berth* ta' l-Imsida u dik ta' l-Imġarr.

Din tallum ma hijiex *actio manutentionis*, fejn huwa biżżejjed illi l-attur jiġi "immolestat" fil-pussess tiegħu, iżda hija *actio spolii* fejn hu meħtieġ illi jiġi "mneżża'" mit-tgawdija tal-ħaġa. L-attriċi tgħid illi kienet imneżżgħa mill-fatt — mhux mill-jedd — tat-tgawdija mhux bl-ittra tal-10 ta' Settembru 2001 iżda b'dak li ġara fit-30 ta' Mejju 2003. Il-kawża nfetħet fit-22 ta' Lulju 2003, anqas minn xahrejn wara, u għalhekk saret fiż-żmien li tagħti l-liġi.

Fadal li nqisu jekk l-attriċi kellhiex il-pussess — dak li bl-użukapjoni jinbidel fi proprjetà — jew id-detenzjoni — il-fatt li tinqeda b'ħaġa għalkemm tagħraf li hija ta' ħaddieħor — tal-*berth* "I4". L-attriċi ma hijiex tippretendi

illi għandha l-pussess *animo domini* u għalhekk irridu nqisu biss jekk kellhiex id-detenzjoni.

Fil-fehma tal-qorti dak li *de facto* kienet tgawdi l-attriċi kien il-fatt li ssib irmiġġ fl-Imġarr, u mhux li tirmiġġa fil-*berth* "I4". L-għażla ta' fejn tirmiġġa rajna li kienet bil-liġi mħollija f'idejn id-Direttur Eżekuttiv u l-fatt illi, għall-prattiċità amministrattiva, id-direttur kien iħalli jew, forsi, iġiegħel lill-attriċi torbot dejjem fl-istess *berth* ma jfissirx illi tilef is-setgħa li jibgħatha f'*berth* ieħor. Il-fatt illi d-direttur żamm din is-setgħa, li, wara kollox, hija vestita fih mil-liġi stess, ma huwiex kompatibbli ma' l-esklużività li l-attriċi tippretendi li kellha *de facto* fuq dak il-*berth*.

L-attriċi ma kinitx imneżżgħa mit-tgawdija li kellha *de facto* — dik li ssib irmiġġ fl-Imġarr — għax, għalkemm ma ntbagħtitx biex torbot fil-*berth* tas-soltu, instabilha *berth* ieħor. Għalhekk ma kienx hemm spoll minn dak li l-attriċi kellha t-tgawdija tiegħu.

Il-qorti għalhekk, billi ssib illi ma hemmx l-elementi kollha meħtieġa biex tirnexxi azzjoni ta' spoll, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-awtorità konvenuta u taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi, li għandha għalhekk tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------